Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Ottubru 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2012/0299(COD)**

**13153/1/22**
**REV 1**

**CODEC 1415**
**SOC 547**
**GENDER 159**
**ECOFIN 959**
**DRS 50**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati u miżuri relatati **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fis-16 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha[1], abbażi tal-Artikolu 157(3) TFUE, lill-Kunsill.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Frar 2013[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Mejju 2013[3].

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-20 ta' Novembru 2013[4].

[1] 16433/12 + ADD 1 sa ADD 3.
[2] ĠU C 133, 9.5.2013, p. 68–76.
[3] ĠU C 218, 30.7.2013, p. 33–41.
[4] 16284/13.

5. Fil-15 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi.

6. Fis-16 ta' Ġunju 2022, il-Kumitati tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Legali (JURI) u għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM) ikkonfermaw il-qbil proviżorju u sussegwentement il-presidenti tagħhom bagħtu ittra lill-president tal-Coreper fejn iddikjaraw li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 10521/22, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 10521/22 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija, il-Polonja u l-Iżvezja jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja u s-Slovakkja jastjenu.

8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.